**Parlament Ewropew**
2014-2019

**0119/2016**

21.11.2016

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar it-tfal refuġjati neqsin

**Deirdre Clune (PPE), Brian Hayes (PPE), Roberta Metsola (PPE), Patricija Šulin (PPE), Monica Macovei (ECR), Ivan Jakovčić (ALDE), David Casa (PPE), Esther de Lange (PPE), Claude Rolin (PPE), Mariya Gabriel (PPE)**

Data ta' skadenza: 21.2.2017

**0119/2016**

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar it-tfal refuġjati neqsin[1]**

1. Skont l-Europol hu kkalkulat li madwar 10 000 tifel u tifla refuġjati jinsab li huma neqsin fl-Ewropa, u dawn it-tfal qed ikunu fil-mira ta' gruppi kriminali pan-Ewropej għal abbuż sesswali u skjavitù.

2. Attwalment m'hemmx politika ta' koeżjoni fl-UE kollha jew ta' protokoll li jittratta t-tfal refuġjati meta jinstab li huma neqsin.

3. Hemm il-ħtieġa li minorenni mhux akkumpanjati jkunu protetti b'mod adegwat fl-UE, inkluż permezz billi jiġu identifikati t-tfal mhux akkumpanjati meta jiżbarkaw, jiġu reġistrati, titwettaq valutazzjoni preliminari tar-riskju u jkun żgurat riferiment għas-servizzi relevanti ta' protezzjoni tat-tfal.

4. Każijiet ta' tfal refuġjati neqsin għandhom ikunu indirizzati b'urġenza kbira u b'serjetà meta jkunu rappurtati lill-awtoritajiet Ewropej.

5. Il-Kunsill u l-Kummissjoni huma mħeġġa jqisu tfal refuġjati neqsin bħala prijorità ewlenija tal-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-migrazzjoni u r-refuġjati, u sabiex jagħtu attenzjoni akbar fuq il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-ġlieda kontra gruppi krminali li qed jieħdu vantaġġ minn dawn it-tfal vulnerabbli.

6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[1] Skont l-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, din għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.